DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/666/PESK

ta' l-24 ta' Lulju 2008

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) ([1]).

(2) L-Artikolu 13(4) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jipprevedi li arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu mniżżlin fi ftehim li għandu jiġi konkluż f'konformità ma' l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(3) Fit-13 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Presidenza, assistita fejn meħtieġ mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, f'każ ta' operazzjonijiet futuri ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet ċivili, sabiex tiftaħ negozjati ma' Stati terzi bil-ħsieb li tikkonkludi ftehim abbażi ta' mudell ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Stat terz dwar il-parteċipazzjoni ta' Stat terz f'operazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' maniġġar ta' kriżijiet ċivili. Abbażi ta' dak, il-Presidenza nnegozjat Ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO, hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

B. HORTEFEUX

([1]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.